## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, tnax (12) ta' Novembru 2024

Kawża Nru 287/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Ronald Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Ronald Cassar**, iben Raymond Cassar u Maria nee Grima, imwieled Rabat, Għawdex fil-ħdax (11) ta' Ottubru 1985 u residenti numru wieħed u tmenin (81), Triq Michele Busuttil, Rabat, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 41685(G) talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tat-tmienja ta'

filgħodu (08:00hrs) u fil-ġranet ta' qabel ġewwa d-Dwejra, San Lawrenz, Għawdex:

(1) iġġestixxa attivita kummerċjali minn post f'xi suq fil-bieraħ mingħajr liċenzja mill-Awtorita Regolatorja jew mhux fil-konformita mal-kundizzjonijiet preskritti mill-imsemmija Awtorita; [1]

(2) bħala bejjiegħ fit-triq ipparkja vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBP 205 tal-għamla Toyota matul distanza ta' mixi anqas minn ħamsin (50) metru mill-eqreb suq kummerċjali.[2]

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru 2024, Ignatius Farrugia irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija li ġewwa d-Dwejra kien hemm xi ħadd armat bil-ħwejjeġ u li ma kellux permess li jarma. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn l-istess Farrugia indikalhom li min kien hemm armat bħalu ma kellux permess li jibqa' armat fuq il-post. F'dik

[1] Regolament 29(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07.
[2] Att Legal 1/2006 – Artikolu 30(1)(c).

l-istess okkażżjoni ġie mitkellem Ronald Cassar. Huwa għadda lill-Pulizija l-permessi li huwa kellu, liema permessi kienu jindikaw li huwa kellu liċenzja ta' *street hawker* iżda mhux ta' *fixed hawker*.

Fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2023, Ignatius Farrugia reġa' għamel kuntatt mal-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex fejn huwa reġa' irrapporta li l-akkużat Ronald Cassar kien rama mingħajr permess. Farrugia sostna mal-Pulizija li huwa kien se jżommhom responsabbli għad-danni jekk ma kinux sejrin jieħdu azzjoni. Dakinhar stess tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2023, il-Pulizija fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Keith Xerri għamlu spezzjoni fid-Dwejra fejn innutaw li Ronald Cassar kien armat. Il-Pulizija reġgħet ivverifikat li l-akkużat kellu liċenzja ta' *street hawker*. Ġie innutat wkoll li l-akkużat ma kienx armat fi spazju ta' ħamsin (50) metru skont il-liġi. Minn kejl meħud mill-Pulizija instab li l-akkużat kien jinsab biss tmien (8) metri mill-*hawker* ta' ħdejh.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel imputazzjoni, qiegħed jiġi allegat li l-akkużat iġġestixxa attivita kummerċjali minn post fiss f'xi suq fil-beraħ mingħajr liċenzja mill-Awtorita Regolatorja jew inkella mhux in linea mal-kundizzjonijiet stabbiliti mill-imsemmija Awtorita. L-akkuża għalhekk hija marbuta mal-fatt li allegatament l-akkużat mexxa attivita kummerċjali minn **suq fil-beraħ** mingħajr ma kellu d-debiti permessi jew inkella naqas li josserva l-kundizzjonijiet imposti. Minn eżami tal-Leġislazzjoni

Sussidjarja *"suq fil-beraħ"* huwa definit bħala *"xi wieħed mis-swieq elenkati fit-Tielet Skeda."* Jekk wieħed imbagħad imur fit-Tielet Skeda isib li l-uniku suq fil-beraħ li hemm Għawdex huwa dak fir-Rabat, Għawdex preċiżament dak li jinsab fi Pjazza Santa Sabina. Id-Dwejra limiti ta' San Lawrenz mhix indikata bħal suq fil-beraħ. Dan ifisser għalhekk li l-akkużat ma kienx obbligat li jottjeni xi liċenzja partikolari biex jarma f'suq mill-beraħ mill-Awtorita Regolatorja biex huwa jkun jista' jarma fid-Dwejra, Għawdex. Dan propju għaliex il-leġislazzjoni sussidjarja 441.07 ma tidentifikax li fid-Dwejra hemm xi suq fil-beraħ. Dan ifisser għalhekk li bil-liċenzja ta' *street hawker* li l-akkużat huwa seta' jarma liberament fid-Dwejra, limiti ta' San Lawrenz, Għawdex u ma kellu l-ebda ħtieġa li jottjeni xi permess ulterjuri. Din l-ewwel akkuża għalhekk ma tirriżultax.

Rigward it-tieni akkuża, qed jingħad li l-akkużat kien ipparkjat bil-vettura tiegħu IPB 205 anqas minn ħamsin (50) metru mill-eqreb suq kummerċjali. Ir-regolament 29(2)(c) jipprovdi li bejjiegħ fit-toroq jista' jiġġestixxi wkoll l-attivita kummerċjali tiegħu minn post fiss billi jipparkja l-vettura tiegħu, sabiex ibiegħ lill-klijenti tiegħu suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet fosthom li l-post fejn jipparkja l-vettura ma jkunx tul distanza bil-mixi ta' inqas minn ħamsin (50) metru mill-eqreb **suq fil-beraħ** jew tul ta' distanza bil-mixi ta' inqas minn ħamsin (50) metru mid-dħul ta' **post kummerċjali**. Il-leġislatur jkompli jispeċifika wkoll li gabbana fissa għandha titqies bħala post kummerċjali.

Il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat kien qed jikser il-liġi għaliex huwa kien armat f'distanza ta' anqas minn ħamsin (50) metru minn **suq kummerċjali**. Issa minn eżami tar-regolament in kwistjoni kif ġia rilevat, il-leġislatur ma jitkellimx minn suq kummerċjali iżda minn suq fil-beraħ jew inkella post kummerċjali. Kif ġia indikat fir-rigward tal-ewwel akkuża, id-Dwerja mhix identifikata bħala suq fil-beraħ. Per konsegwenza r-regolament tal-ħamsin (50) metru minn suq fil-beraħ huwa inapplikabbli għall-każ odjern.

Anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jitqies li l-akkuża qed tirreferi għall-post kummerċjali, għall-fini ta' sejbien ta' ħtija l-Prosekuzzjoni kellha mhux biss tipprova li ma kienx hemm id-distanza ta' ħamsin metru iżda li l-attivita kummerċjali l-oħra minn fejn ġiet kalkolata d-distanza tikklassifika bħala "post kummerċjali" hekk kif definita mil-leġislatur. Dan għaliex il-projbizzjoni tad-distanza hija propju marbuta mal-"post kummerċjali". **Minn eżami tal-atti din il-prova ma saritx.** Fl-affidavit tiegħu PS 1462 J. Attard isemmi biss li fil-każ tal-akkużat kien hemm biss tmien (8) metri mill-hawker ta' maġenbu. Pero l-affidavit ma jindikax li dan il-"hawker" kien jikklassifika bħala "post kummerċjali" fit-termini tal-liġi għaliex kien qed jopera minn xi gabbana fissa. Il-kwerelant Ignatius Farrugia li għamel ir-rapport ma xehedx f'dawn il-proċeduri u għalhekk dak rapportat minnu lanqas ma ġie konfermat quddiem din il-Qorti. Għalhekk din l-akkuża lanqas ma tirriżulta.

Jekk verament l-akkużat ma kienx qiegħed jirrispetta d-distanza ta' ħamsin metru (50m) mill-hawker l-aktar viċin, huwa kellu jiġi akkużat li kiser r-regolament 29(2)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 u mhux ir-regolament (c) tal-istess regolament 29(2). Fi kwalunkwe każ wkoll ried jintwera li l-Pulizija taw l-ordni lill-bejjiegħ li l-aħħar li jkun wasal fuq il-post biex jitbiegħed sal-limitu ta' ħamsin (50) metru u li l-istess bejjiegħ ikun irrifjuta li joqgħod għal tali ordni. L-obbligu fuq il-Pulizija li jsegwu tali proċedura huwa tassattiv hekk kif jirriżulta b'mod mill-aktar ċar mill-proviso għar-regolament 29(2)(e).[3] Din l-akkuża ma ġietx ċitata mill-Prosekuzzjoni u għalhekk din il-Qorti ma tistax issib ħtija għall-imputazzjoni li ma ġietx indikata.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

[3] "*Iżda jekk il-Pulizija jew uffiċjal tal-komunità jissejjħu biex jiddeċiedu xi kwistjoni li tinqala' bejn bejjiegħa li jkunu viċin xulxin aktar minn ħamsin (50) metru 'l bogħod bil-mixi, il-Pulizija jew uffiċjal tal-komunità għandu jordna lill-bejjiegħ li jkun wasal l-aħħar biex iċaqlaq il-vettura tiegħu lejn spazju ta' parkeġġ alternattiv ta' l-anqas ħamsin (50) metru 'l bogħod bil-mixi mill-bejjiegħ l-aktar viċin. Dik id-distanza bejn iż-żewġ bejjiegħa tista' titnaqqas kif ikun hemm biss f'regolamenti maħruġin mill-kunsill lokali bl-approvazzjoni tal-Ministru*" Proviso għar-regolament 29(2)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07.

Vera Kopja

Għar-Reġistratur